

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva skada fid-19 ta' April 2006.

(¹) ĠU L 255, p. 149.

Rikors imressaq fit-18 ta' Settembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-435/07)

(2007/C 269/66)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Zadra u M. Telles Romão, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika Portugiża

It-talbiet tar-rikorrenti

- tiddikjara li, billi ma adottatx id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2005/39/KE (¹) tas-7 ta' Settembru 2005, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE dwar vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sedili, l-ankoraggia u r-restrizzjonijiet għar-ras tagħhom u, f kull każ, billi ma kkommunikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond din id-direttiva;
- tordna li r-Repubblika Portugiża għandha tbat l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fid-19 ta' April 2006.

(¹) ĠU L 255, p. 143.

Appell imressaq fl-14 ta' Settembru 2007 mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fit-12 ta' Lulju 2007 fil-kawża T-312/05, Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Efrosyni Alexiadou

(Kawża C-436/07 P)

(2007/C 269/67)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: D. Triantafyllou)

Parti oħra fil-kawża: Efrosyni Alexiadou

Talbiet ta' l-appellant

- tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Lulju 2007, fil-kawża T-312 /05, Il-Kummissjoni vs E. Alexiadou, innotifikata lill-Kummissjoni fit-18 ta' Lulju 2007;
- tilqa' t-talbiet tal-Kummissjoni, kif inhuma fformulati fir-rikkors tagħha;
- tikkundanna lill-konvenuta fl-appell tbat l-ispejjeż ta' l-appell u dawk tal-proċedura fl-ewwel istanza.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Qorti tal-Prim Istanza interpretat b'mod żbaljat il-kundizzjoni jiet ġenerali tal-kuntratt (liġi tal-partijiet) u b'mod partikolari dik dwar il-verifikasi finanzjarja, li tirreferi għal verifikasi flessibbi bħala sempliċi għażla. Klawżola oħra, invokata *ex officio* mill-Qorti tal-Prim Istanza, lanqas biss tagħmel riferiment għal verifikasi, minkejja li tikkonċerha eżekuzzjoni żabaljata tal-kuntratt. B'dan il-mod, l-obbligu li ssir verifikasi huwa indipendenti mill-kawżola kuntrattwali invokata.

Fi kwalunkwe każ, huwa impossibili li tintalab verifikasi finanzjarja jekk din ma jkollhiex suġġett reali, peress li ħadd m'hawa obbligat jagħmel l-impossibbli u peress li l-kawżola kuntrattwali għandhom jiġi interpretati b'mod li jkollhom effett prattiku.

Il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba tal-baġit jimponi lill-Kummissjoni li ma tagħmilx verifikasi għal xejn. Il-Qorti tal-Prim Istanza eskludiet mill-ewwel l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' *bona fede* u ta' prattika kummerċjali tajba li setgħu jiggwidha fl-interpreazzjoni tagħha.

Peress li ddeċidiet fil-kontumaċċa, il-Qorti tal-Prim Istanza ma setgħetx tikkritika lill-Kummissjoni li ma spiegatx uħud mill-argumenti tagħha (b'mod partikolari dawk spiegati fil-paragrafu eż-żgħid qabel dan) mingħajr ma tikser il-prinċipju tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja.